**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Numru: 532 / 2022**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Elliot Magro)**

**Vs**

**Francis Farrugia**

Illum, 20 t' April, 2023

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Francis Farrugia, bin Paul u Maria Lourdes nee' Zahra, imwieled Pieta' nhar 1-4 t'a Awwissu, 1978, residenti geww ta' Frenc Farm, Ta' Brija, Triq it-Tigrija, Siggiewi u detentur tal-karta tal-identita' 0385278 M, akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar il-5 ta' Jannar 2022, ghall-habta tas-13.20hrs gewwa s-Siggiewi limiti ta' Triq it-Tigrija u limiti tal-Ghajn il-Kbira:

1. Ma ssodisfajtx il-kundizzjonijiet kollha specifikati fil-licenzja specjali biex tippartecipa fil-progett tal-Gvern ghar-ricerka fuq is-seba' speci ta' ghasafar tal-ghana fil-Harifa 2021 mahruga mit-Taqsima tar- Regolamentazzjoni ghall-ghasafar Selvaggi u dan bi ksur ta' LS 549.145 u f'kull ligi ohra cioe' LS 549.42;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bhala kollettur tad-data tlaqt mill-istazzjon tar-ricerka minghajr BMA nehhejt ix-xbieki u li ma kontx fuq is-sit tar-ricerka sabiex il-mansab jigi sorveljat il-hin kollu, izda ukoll li l-imnasab inkluz ix-xbieki, lasti u molol, ghandhom jizzarmaw kompletament minnufih hekk kif jaghlaq il-perjodu ta' ricerka u mnehhija minn fuq is-sit u dan bi ksur tar-regolament 12(h) ta' LS549.145

Il-Qorti giet mitluba illi barra li taghti l-piena taht ir-regolament 27 ta' l-A.L. 79 ta' 1-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-oggetti u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-regolamenti ta' l-2006 dwar il- Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal- Ligijiet tal-Pulizija ghall-perjodu applikabbli taht 1-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-2 ta' Dicembru, 2022, wara li rat ir-regolamenti 14 u 12(h) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 549.145 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-qua imputat Francis Farrugia hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront

tieghu u konsegwentament ikkundannatu ghall-multa ta' elf u hames mitt Ewro (Eur. 1,500) li b'applikazzjoni tal-artikolu 14 (2) tal-Kodici Kriminali tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' Eur. 250 fix-xahar. F'kaz li l-hlas ikun ha jsir b'rati mensili, l-ewwel pagament ghandu jsir fi zmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jekk dan ma jithallasx jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Il-Qorti, fit-termini tar-regolament 27 tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, ordnat ukoll s-sospensjoni tal-licenzja jew permess rilevanti mahrug taht ir-regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet ta' Pulizija ghall-perjodu ta' sentejn mil-lum.

Rat ir-rikors tal-appellanti Francis Farrugia minnu pprezentat fit-12 ta' Dicembru, 2022, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha:

1. Thassarha u tirrivokaha u minflok tilliberah minn kull piena u htija.

**B' mod alternattiv:**

2. F'kaz li sentenza tibqa' invarjata, tinghata piena aktar ekwa u gusta fic-cirkostanzi tal-kaz;

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

**L-Ewwel Aggravju - Enuncazjoni zbaljata tal-fatti u tad-dispozizzjoni tal-ligi**.

1. Mill-fatti kif elaborati quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti jidher li huwa pacifiku li l-appellant **huwa detentur ta' licenza generali tal-insib u li kellu ukoll il-licenza specjali sabiex jippartecipa fl-insib/ricerka limitata tal-ghasafar tal-ghana fil-Harifa tas-sena 2021**.

2. Dan johrog car mhux biss mill-investigazzjoni li ghamlu l-l-ufficjali tal-Environment Protection Unit (EPU) li marru jinvestigaw il-kaz, izda ukoll mix-xhieda ta' Casey Sciberras Grech li xehed in rapprezentanza tal-Wildlife Bird Regulation Unit (WBRU);

3. Hu importanti li wiehed izzomm f' mohhu u quddiem ghajnejh li l-insib/ricerka limitat ghall-ghasafar tal-ghana fil-Harifa tas-sena 2021 kien permess biss permezz ta' licenza specjali li tkun inharget skond l-legislazzjoni sussidjarja 549.146 u li allura ghandu jsegwi din il-licenza specjali u l-kundizzjonijiet taghha **kellhom ikunu biss effetivi tul iz-zmien operativ taghha**;

4. Illi hu wkoll pacifiku li fil-5 ta' Jannar 2022 l-istagun tal-Harifa *ghall-insib/ricerka tal-ghasafar tal-ghana* kien *maghluq* in linea mar- Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvagg skond legislazzjoni sussidjarja 549.146. Infatti ir-Regolament 4 tal-istess legislazzjoni sussidjarja li dahlet fis-sehh fid-19 ta' Ottubru 2021 tghid testwalment hekk:

*'Ghall-iskop li jigu stabbiliti d-dati u t-tul tal-perjodu ta' ricerka skont ir-regolament 8 tal-Qafas Regolatorju,* ***u ghall-ghanijiet ta' dawn ir-regolamenti, il-perjodu ta' ricerka ghall-ispeci rilevanti ghas-sena 2021 ghandu jkun ta' tnejn u sittin (62) jum mill-20 ta' Ottubru 2021 sal- 20 ta' Dicembru 2021, iz-zewg dati inkluzi****…….'* (enfasi tal-appellant).

*Izda d-dispozizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti ghandhom jieqfu milli jkollhom effett…….'*

5. Illi ghaldaqstant, bhala stat ta fatt fil-5 ta' Jannar 2022 l-istagun tal-insib/ricerka ghall-ghasafar tal-ghana kif moghti ghall-Harifa 2021 **kienu ilu gimghat li ghalaq u ghaldaqstant il-licenza specjali li l-appellant kellu sabiex jippartecipa f' dan l-insib/ricerka limitat ghal ghaasfar tal-ghana tul l-istagun tal-Harifa 2021 kienet ilha gimghat li skadiet u ghaldaqstant hadd ma setgha jakkuzah li kiser xi kundizzjonijiet taghtha ghax ma kienitx aktar** ***in vigore***. Se mai id-data tal-akkuza kellha tkun differenti, ossija meta l-appellant ma baqax jonsob jew l-aktar fl-20 ta' Dicembru 2021, ossija l-ahhar gurnata ta' meta setgha jonsob/jippartecipa fir-ricerka. Xi haga li il-prosekuzzjoni naqset b' mod ampju li tipprova.

6. Illi jidher li l-prosekuzzjoni bnew il-kaz taghhom fuq il-kundizzjoni numru sittax tal-licenza specjali (DOK CG3) li tghid is-segwenti:-

*"Immedjatament malli jaghlaq il-perjodu ta' ricerka, il-mansab (inkluz xbieki, lasti u mollol) ghandu jizzarma u jitnehha min fuq il-post."*

7. Illi din il-kunduzzjoni qeghda titkellem fuq xi haga **immedjata, ma tmiem il-perjodu tar-riceka u mhux gimghat wara li l-licenzja tkun skadiet u ma ghadiex operattiva kif inhuwa dan il-kaz.**[1]

8. Illi mix-xhieda tal-appellant, li ma kinitx kontradetta mill-proskezzjoni, jirrizulta illi huwa malli ma baqax jonsob f' Novembru 2021, jigifieri ferm qabel ma ghalaq l-istagun, <u>immedjatament</u> kien qabbad lil siehbu/il-haddiem izarma kollox imma xi hadd mhux maghruf milli jidher rega' mar juza dan il-mansab. L-appellant jistaqsi x' tort ghandu hu li mansab fil-kampanja li ma ghandux kontroll fuqu intuza wara li huwa zarmah f' Novembru 2021[2]!

9. Irid jinghad ukoll li hemm diskrepanza importanti f' dak li xehed ix-xhud ewlieni f' dawn il-proceduri ossija PS 661 C. Grech. Dan ghaliex filwaqt li f' pagna tnejn (2) tar-rapport tieghu *a tempo vergine* ezebit ' Dok X1' jikteb:

> '*gie innutat illi gie izarmat mansab li kien registrat fuq Francis fejn l-istess Francis stqarr illi vera kien tieghu il-mansab izda ma kienx qieghed jonsob ghax ghandu wisq impenji f' hajtu…*'

Fl affidavit tieghu imbaghad jghid is-segwenti verzjoni:

---

[1] **Mhix korretta l-Ewwel Onorabbli Qorti li tghid li wiehed ghandu joqghod ghal kundizzjoni ta' dik il-licenzja <u>inkluz il-kundizzjonijiet li jirregolaw dak li ghandu jsir wara l-gheluq tal-istagun tar-ricerka</u>. Infatt ma kien hemm l-ebda kundizzjoni li tirregola xi haga WARA l-gheluq tal-istagun tar-ricerka.**

[2] Bid-dovut rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti il-fatt li l-ghalqa u il-mansab jinsabu fil-vicinanzi tar-residenza tieghu ma jfissirx li kellu kontroll fuq dik l-ghalqa u dak il-mansab kif donna qed timplika dik il-Qorti. Ma hemm l-ebda kundizzjoni jew ligi li tghidlek li in-nassab irid imur jara li hadd ma jikser ir-regolamenti fi hwejjgu meta hu ma jkunx hemm u fil-fatt l-appellant kien ilu ma jmur l-ghalqa sa minn Novembru 2021.

*'Francis stqarr mal-Pulizija illi ma kellux hin izarma il-mansab ghax ghandu wisq impenji f' hajtu anzi tant hu hekk li kien qabbad habib tieghu sabiex izarmajulu izda milli jidher dan ma izzarmax.'*

10. Illi inoltre jekk wiehed jara l-kundizzjoni numru 1 tal-licenza specjali (DOK CG3) issib issegwent frazi li fl-istess dokument hija miktuba b' mod bold u sottolinejata:-

> *"Din il-Licenzja ma tkunx ikkunsidrata valida jekk il-perjodu ta' ricerka ma jiftahx u **tigi immedjatament invalidata malli jinghalaq"***

11. Illi allura skond il-kundizzjoni numru wiehed malli l-perjodu ta' ricerka ghalaq il-licenzja **immedjatament giet invalidata** u la darba il-licenzja giet invalidata kull kundizzjoni li temani minnha awtomatikament tkun giet invalidata ukoll. Ma jistax ikollok sitwazzjoni legali fejn granet wara li licenzja giet invalidata, il-kundizjonijiet taghha jkunu ghadhom vigenti. Dan ir-ragunament li uzat il-prosekuzzjoni u li bir-rispett kollu gie accettat mill-Ewwel Qorti huwa ragunament guridikament hazin ghax wiehed ma jistax jinstab hati ta' xi haga li fil-mument tal-ispezzjoni ma kienitx tesisti.

12. Illli allura fid-data inkwadrata fl-akkuza ma kienx hemm l-ebda licenzja u wisq anqas xi ksur tal-ligi jew kundizzjoni ta' xi licenzja;

13. Illi sa llum ma hemm l-ebda ligi li tipprekludi li xi hadd li jqabbad lil terzi milli jzarmaw il-mansab tieghu u dan li ghamel l-appellant. Hu kellu l-

assigurazzjoni tal-lavrant/habib tieghu li ix-xibka u l-apparat konness mal-mansab gie zarmat u allura li hu kien konformi mad-disposizzjonijiet tar-regolamenti malli ma baqax jonsob f' Novembru 2021.

**It-Tieni aggravju –Apprezzament hazin tal-provi**

14. Is-surgent 661 Grech jghid testwalment is-segwenti fuq dan li sab fuq il-mansab:

*'Meta avvicinajt lejn ix-xibka tal-mansab innutajt xibka ghal ghasafar tal-ghan…..Min god-dura dehru xi wires hergin fejn irrizulta li kienu ta' speakers li jitqabbdu mal-bird-callers fejn dawn gew imnehhija minnufih'*[3].

Dunque barra li huwa ampjament pruvat li f' dik il-gurnata tal- 5 ta' Jannar 2022 ma kien qed isir l-ebda attivita' ta' insib/ricerka ghax l-anqas individwi ma kien hemm fuq il-post kif jghidu ukoll l-Ispettur Magro u l-istess PS 661 Grech pero' milli jidher il-mansab la kellu mollol, la lasti u lanqas hbula[4]. Tal-anqas dan ma jirrizultax mill-affidavit ta' PS 661 Grech jew mill-atti processwali.

15. **Importanti ukoll jinghad li l-ebda ircevuta ma inharget tal-oggetti elevati mill-pulizija lill-appellant u ghalhekk dak misjub fil-mansab tieghu bl-ebda mod ma jista' jigi allaccat mieghu. Dan jaghti konfort ghat-tezi tieghi li hu fil-fatt l-oggetti tal-mansab kien zarmahom**

[3] Wiehed irid jirrileva ghal kull buon fini li il-bird caller setgha jintuza waqt ir-ricerka/insib tal-ghasafar tal-ghana fil-Harifa 2021.

[4] Mansab ma jistax jiffunzjona minghajr l-oggetti mekkanici li jaghmluh. Il-hbula, xbieki, lasti u molol huma sinonimi mal-mansab u dawn huma li jridu jitnehhew meta jispicca l-istagun. Fil-fatt xikba biss milli jidher instabet.

**tramite il-habib/lavrant tieghu u allura per konsegwenza l-oggetti misjuba mill-agenti tal-pulizija kienu ta' terzi.**

16. Illi ghaldaqstant anki minhabba dawn ir-ragunijiet l-appellant jemmen li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghetx issib htija f' eghmilu u konsegwentament kellu jigi illiberat mil-akkuzi kontrih.

**It-Tielet aggravju- Aggravju fuq il-Piena**

17. Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravji hawn fuq citati, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tichad dawn l-aggravji, l-esponenti umilment jissottometti li l-piena inflitta ta' **Ewro 1,500** hija wahda eccessiva tenut kont ic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz. Il-fatt li xi hadd rega' rama mansab jew addirittura halla xibka biss fil-mansab tieghu u sfortunatament wehel pitirross maghna ma jfissirx li l-appellant ghandu jahti ghal tali nuqqas ta' haddiehor. Kollox irid jigi evalwat fil-perspettiva tieghu.

18. Di piu' mill-fedina penali tal-imputat jidher li ghandu biss infrazzjoni wahda f'dan il-kamp meta madwar ghaxar (10) snin ilu kienu imwaqqaf ghax ma kellux licenzja specjali tal-kacca tar-rebbiegh (kellu biss il-licenzja generali). Jidher bic-car li l-appellant huwa persuna li thobb u tosserva l-ligijiet, inkluz dawk relatati mal-kacca u l-insib.

Ghaldaqstant, hu, minghajr pregudizzju ghal-aggravji l-ohra jhoss li ghandu jkun hemm temperament fil-multa imposta.

**Ikkunsidrat,**

Illi **<u>fl-ewwel aggravju</u>** tieghu l-appellant qieghed isostni illi l-Ewwel Qorti ghamlet enuncazjoni zbaljata tal-fatti u tad-dispozizzjoni tal-ligi. L-appellant qieghed jibbaza l-argument tieghu fuq il-punt illi l-licenzja specjali ghall-Insib/ricerka limitata tal-ghasafar tal-ghana fil-Harifa tas-sena 2021, specifikament taht l-ewwel kundizzjoni a fol. 17 tal-atti processwali hemm stipulat illi l-insib/ricerka limitata tal-ghasafar tal-ghana fil-Harifa, jibda minn l-20 t'Ottubru, 2021 u jibqa' sejjer sal-20 ta' Dicembru, 2021, iz-zewg dati nkluzi. Oltre minn hekk, taht l-ewwel kundizzjoni tal-licenzja specjali, wiehed isib ukoll is-segwenti:

> *'Izda dawn id-dati huma minghajr ebda pregudizzju ghall-prerogattiva tal-Gvern li ma jiftahx il-perjodu ta' ricerka, jew li jaghlaq parzjalment jew kompletament il-perjodu ta' ricerka, jew li jibdel kwalunkwe parametri tal-istagun.* ***<u>Din il-licenzja ma tkunx ikkunsidrata valida jekk il-perjodu ta' ricerka ma jiftahx u tigi mmedjatament invalidata malli jaghlaq</u>****.'*

Illi ma hemmx dubbju illi l-perjodu ghar-ricerka fil-Harifa 2021 kien wiehed maghluq u dan stante li jaghlaq fl-20 ta' Dicembru, 2021 kif ritenut *supra* u d-data specifika fuq il-kumparixxi hija dik ta' 5 ta' Jannar, 2022.

Ghaldaqstant ghandu ragun l-appellant isostni illi l-akkuzi fil-konfront tal-appellant ma kellhomx jinhargu abbazi tal-licenzja specjali u dan ghaliex din kienet ilha iktar minn gimghatejn li giet invalidata. Ghalkemm huwa minnu illi fl-ewwel akkuza kontra l-appellant hemm referenza ghall-ligi L.S. 594.42 u cioe' ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, madankollu huwa il-

kliem tal-akkuza li din il-Qorti trid taghti kaz u mhux sempliciment referenza ghal-Legislazzjoni Sussidjarja. Ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-appellant fl-argument tieghu illi dan ma setax jigi akkuzat bl-akkuzi li gie rinfaccat bihom minhabba it-trapass taz-zmien li kien ghaddha minn meta ghalaq il-perjodu ghar-ricerka tal-Harifa 2021. *Quod nullum est nullum producit* – Dak li hu null ma jipproduci l-ebda effett u ghalhekk il-prosekuzzjoni ma setghetx torbot l-akkuzi ma dokument null.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, din il-Qorti qiedgha tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant u ghalhekk qiedgha thassar u tirrevoka d-decizjoni tal-Ewwel Qorti u tilliberah minn kull htija u piena.

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**
**Imhallef**

**Vera kopja**

**Adrian Micallef**
**Deputat Registratur**